

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-KUNSILL

AVVIŻ TA' POŻIZZJONI VAKANTI CONS/AD/097

(2011/C 361 A/01)

Informazzjoni ġenerali

Dipartiment	Servizz Legali, Direttorat 5 "Ġustizzja u Affarijiet Interni"
Post tax-xogħol	Brussell
Titlu tal-pożizzjoni	Direttur
Grupp ta' funzjoni u grad	AD 14
Awtorizzazzjoni tas-sigurtà meħtieġa	SECRET UE (EU Secret)

Skadenza għall-applikazzjonijiet: 12 ta' Jannar 2012.

Min aħna

Is-Servizz Legali huwa l-konsulent legali tal-Kunsill. Huwa jgħin lill-Kunsill u l-korpi preparatorji tiegħu, il-Presidenza u s-Segretarjat Ġenerali, sabiex tkun żgurata l-legalità u l-kwalità tal-abbozzar tal-atti tal-Kunsill. Billi jieħu approċċ kreattiv fejn xieraq, huwa jikkontribwixxi għall-identifikazzjoni ta' soluzzjonijiet li huma legalment korretti u politikament aċċettabli, f'kooperazzjoni ma' dipartimenti oħra tal-Kunsill. Is-Servizz Legali jirappreżenta wkoll lill-Kunsill fi proċedimenti quddiem il-qorti tal-Unjoni Ewropea. L-għan kostanti tas-Servizz Legali huwa li jipprovi kontributi f'waqthom li għandhom bħala karatteristiċi r-rispett sħiħ għall-iġi, l-imparjalità u ċ-ċarezza.

X'qegħdin noffru

Il-pożizzjoni hija waħda ta' profil għoli f'waħda mill-istituzzjonijiet prinċipali Ewropej. Id-Direttur huwa l-kap tad-Direttorat "Ġustizzja u Affarijiet Interni" fis-Servizz Legali tal-Kunsill, u l-kandidat magħżul ser ikun mistenni li jagħti kontribut sostanzjali għall-iżvilupp u l-progress tal-leġislazzjoni tal-UE fil-qasam tal-ġustizzja u affarijiet interni. Il-persuna ser taħdem f'ambjent politiku u legali li joffri sfidi kbar, tmexxi u timmotiva tim multikulturali ta' konsulenti u assistenti u ser tingħata possibbiltà kbira li turi l-ħila tagħha biex tiddefinixxi u tikseb objettivi, tiegħu deċiżjonijiet tajba u turi kompetenzi tajba ta' ġestjoni tan-nies. Barra minn dan noffru pakkett ta' salarju attraenti.

Skop tal-pożizzjoni

Taħt l-awtorità tad-Direttur Ġenerali, i/tmexxi d-Direttorat tiegħu/tagħha u j/tagħti pariri fl-oqsma ta' kompetenza. J/Tipprovi pariri legali ta' livell għoli, bil-miktub jew bil-fomm, fl-oqsma ta' kompetenza tad-Direttorat.

Kompiti

- Taħt l-awtorità tad-Direttur Ġenerali, i/tmexxi d-Direttorat tiegħu/tagħha u j/torganizza l-attivitajiet tiegħu, u j/tappoġġa u j/timmotiva l-persunal f'xogħlhom.
- J/Tipprovdi fuq inizzjattiva tiegħu/tagħha jew fuq talba, pariri ta' livell għoli bil-miktub jew bil-fomm dwar kwistjonijiet legali u istituzzjonali lill-Kunsill, il-Coreper jew l-istanzi preparatorji oħra, kif ukoll lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill.
- J/Tagħti pariri lill-Presidenza u/jew lis-SĠK dwar aspetti legali ta' dossiers sabiex j/tagħti kontribut biex jinstabu soluzzjonijiet li huma legalment korretti u aċċettabli għall-istanza involuta u li j/twettag studji ta' livell għoli fl-oqsma ta' kompetenza tad-Direttorat.
- J/Tirrappreżenta is-servizz tiegħu/tagħha fil-livell ta' Direttur fi ħdan is-SĠK u esternament, b'mod partikolari fir-relazzjonijiet tiegħu mal-Presidenza, u fir-relazzjonijiet tiegħu mal-istituzzjonijiet oħra.
- J/Tiżgura l-kwalità tas-servizzi u prodotti mogħtija mid-Direttorat.
- J/Tiżgura l-ġestjoni professjonali tar-riżorsi tad-Direttorat.
- J/Tiżgura komunikazzjoni u kooperazzjoni effettiva kemm fi ħdan id-Direttorat kif ukoll mad-Direttorati l-oħra, kif uoll mas-servizzi l-oħra tas-SĠK.
- Isegwi/Issegwi l-proċedimenti tal-Kunsill, Coreper u, jekk meħtieġ, korpi preparatorji oħra, j/tieħu sehem f'laqgħat u, fejn adatt, f'sessjonijiet ta' tagħrif u/jew negozjati bil-ħsieb li jintlaħqu kompromessi u jinstabu soluzzjonijiet.
- J/tassisti u j/tirrapprezeta lill-Kunsill Ewropew jew lill-Kunsill f' kwistjonijiet legali u, fejn adatt, j/tirrapreżentahom f'kawżi quddiem il-qrati tal-UE.

Kompetenzi mitluba

- Għarfien estensiv tad-dritt tal-UE
- Għarfien tajjeb tal-funzjonament u tal-proċeduri tal-Unjoni Ewropea
- Għarfien relatat mal-ġustizzja u l-affarijiet interni huwa essenzjali għall-pożizzjoni
- Jieħu azzjoni adatta fuq inizzjattiva tiegħu/tagħha stess
- Kapaċità li j/turi kreattività
- Kapaċità li j/taħdem f'ambjent internazzjonali u multikulturali
- Kapaċità li j/turi ħiliet ta' diplomazija u ta; komunikazzjoni
- Il-kompetenza ġenerali "komunikazzjoni interpersonali" hija kompetenza essenzjali għall-pożizzjoni
- Kapaċità li j/żżomm relazzjonijiet ta' xogħol tajbin ma' firxa ta' interlokuturi
- Kompetenzi ta' tmexxija: ġestjoni ta' xogħol u riżorsi, konossenza tal-organizzazzjoni, teħid ta' deċiżjonijiet, tmexxija, żvilupp tal-persunal
- Għarfien tajjeb ħafna ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra fil-livell meħtieġ għat-tweqq tad-doveri meħtieġa. Fil-prattika, fid-dawl tal-oqsma ta' attività koperti, huwa meħtieġ l-għarfien ta' mill-inqas l-Ingliż u l-Franċiż.

Kondizzjonijiet għall-ammissjoni

L-applikanti għandhom:

- Ikunu ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.
- Igawdu mid-drittijiet kollha tagħhom bħala ċittadini.
- Ikunu wettqu kwalunkwe obbligu impost fuqhom mil-liġijiet dwar il-lieva.
- Jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-karattru għad-doveri li jridu jitwettqu.
- Ikollhom livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji kompluti ċċertifikati b'diploma meta t-tul ta' żmien normali ta' tali studji huwa ta' erba' snin jew aktar, jew livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji kompluti ċċertifikati b'diploma u esperjenza adatta ta' mill-inqas sena meta t-tul ta' żmien normali ta' tali studji huwa ta' mill-inqas tliet snin.
- Ikollhom mill-inqas 15-il sena esperjenza professjonali, li f'mill-inqas ħames snin minnhom huma kienu inkarigati minn entità amministrattiva kbira, u jkunu effettivament eżerċitaw responsabbiltajiet manġerjali u organizzattivi.

L-applikanti għandhom jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha għall-ammissjoni fil-ħin tal-applikazzjoni.

Proċedura ta' għażla

Il-proċedura tal-għażla titwettaq skont l-artikolu 29(2) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾. Sabiex jassisti lill-Awtorità tal-Ħatra biex tagħmel l-għażla tagħha, ser jiġi stabbilit Kumitat Konsultattiv ta' Għażla, bir-responsabbiltà li jfassal lista tal-aħjar applikanti. Inizjalment, dan il-Kumitat ser jeżamina l-kwalifiki u l-esperjenza tal-applikanti, u l-applikanti selezzjonati ser jiġu mistiedna għal intervista.

Applikazzjoni

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu bil-posta, preferibbilment irreġistrata, lir-Recruitment Service, General Secretariat of the Council of the European Union, rue de la Loi 175, B-1048 Brussels, sa mhux aktar tard mit-**12 ta' Jannar 2012**, bit-timbru tal-posta jiġi meqjus bħala prova.

Jiġu kkunsidrati biss id-dossiers kompluti li jinkludu:

- a) il-formola ta' applikazzjoni (ANNEX 3/ANNEXE 3) mimlija, datata u ffirmata kif meħtieġ (bil-firma oriġinali tiegħek fuqha);
- b) ittra ta' motivazzjoni flimkien ma' curriculum vitae ddettaljat, bl-Ingliż jew Franċiż, preferibbilment fil-format Europass (<http://europass.cedefop.europa.eu>), li jkopri l-karriera sħiħa tal-applikant, u jelenka, fost l-oħrajn, il-kwalifiki, l-għarfien tal-lingwi, l-esperjenza, u d-dmirijiet attwali tal-applikant; u
- c) dokumenti ta' sostenn relatati mad-diplomi u l-esperjenza professjonali (fotokopji biss). Dokumenti ta' sostenn relatati mal-esperjenza professjonali għandhom jiġu minn parti terza u mhux biżżejjed li sempliċement jintbagħat s-CV msemmi f)b);

L-ebda wieħed minn dawn id-dokumenti ma jintbagħat lura.

⁽¹⁾ Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet ta' Impjieg ta' Uffiċjali Oħra tal-Unjoni Ewropea, stabbiliti permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, EURATOM, KEFA) Nru 259/68 — <http://eur-lex.europa.eu>

N.b.

Din il-pożizzjoni teħtieġ awtorizzazzjoni tas-sigurtà li tippermetti aċċess għal dokumenti klassifikati (livell SECRET UE). Ikun ta' vantaġġ jekk l-applikant ikollu diġà din l-awtorizzazzjoni. Inkella, jinftehem li dawg li applikaw għall-pożizzjoni huma lesti li jagħmlu skrinjng tas-sigurtà skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/292/UE.

Rieżami tal-applikazzjonijiet

Il-proċeduri relatati mat-talbiet għal rieżami, appelli u riferimenti għall-Ombudsman Ewropew jinsabu fl-Anness 1 għal dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti.

Protezzjoni tad-data

Ir-regoli li jirregolaw l-ipproċessar ta' data personali inkonnessjoni ma' din il-proċedura ta' għażla jinsabu fl-Anness 2 għal dan l-avviż.

Opportunitajiet indaqs

L-Istituzzjonijiet Ewropej japplikaw politika ta' opportunitajiet indaqs u jaċċettaw applikazzjonijiet mingħajr ebda diskriminazzjoni abbażi ta' sess, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, karatteristiċi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjonijiet politiċi jew oħrajn, sħubija f'minoranza nazzjonali, ġid, twelid, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali.

Minħabba r-rappreżentanza baxxa ta' nisa fil-livelli maniġerjali ogħla, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill jilqa' b'mod partikolari applikazzjonijiet minn kandidati nisa għal din il-pożizzjoni.

ANNEX 1

**TALBA GĦAL RIEŻAMI — PROĊEDURI GĦAL APPELLI
ILMENTI LILL-OMBUDSMAN EWROPEW**

Jekk, f'xi stadju tal-proċedura tal-għażla, inti tqis li xi deċiżjoni tolqot b'mod negattiv, tista' tuża l-mezzi li ġejjin:

— **Talba għal rieżami tad-deċiżjonijiet meħuda mill-Kumitat Konsultattiv ta' Għażla**

Fi żmien għaxart ijiem mid-data tal-ittra li tinnotifika deċiżjoni meħuda mill-Kumitat Konsultattiv ta' Għażla, inti tista' tippreżenta talba bil-miktub għal rieżami ta' tali deċiżjoni, billi tagħti r-raġunijiet għat-talba tiegħek, lil:

Ilmenti lill-Ombudsman Ewropew
Recruitment Service
Rue de la Loi/Wetstraat, 175
1048 BRUXELLES/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
Indirizz elettroniku: service.recrutement@consilium.europa.eu

— **Appelli**

— Inti tista' tippreżenta ilment lill-awtorità tal-ħatra minħabba tweġiba negattiva għat-talba tiegħek għal rieżami jew xi att ieħor li qed jaffettwak ħażin, skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, fil-limiti ta' żmien previsti, lil:

Ilmenti lill-Ombudsman Ewropew
Advisers Unit, DGA 1B
Rue de la Loi/Wetstraat, 175
1048 BRUXELLES/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

— Inti tista' tressaq każ quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal jekk l-ilment imsemmi hawn fuq ġie miċħud.

— **Ilmenti lill-Ombudsman Ewropew**

Bħal kull ċittadin ieħor tal-Unjoni, inti tista' tressaq ilment lil:

The European Ombudsman
1, avenue du Président Robert Schuman — BP 403
67001 Strasbourg Cedex
FRANCE

skont l-Artikolu 228(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u konformement mal-kondizzjonijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew 94/262/KEFA/KE/Euratom tad-9 ta' Marzu 1994 rigward ir-regolamenti u l-kondizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-tweġit tal-obbligi tal-Ombudsman ⁽¹⁾.

Għandek tinnota li lmenti mressqa lill-Ombudsman Ewropew ma għandhom ebda effett sospensiv fuq il-perijodu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 90(2) u l-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal biex jiġu ppreżentati lmenti jew appelli quddiem il-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 113, 4.5.1994, p. 15.

ANNEX 2

PROTEZZJONI TAD-DATA

Bħala l-istituzzjoni responsabbli għall-organizzazzjoni tal-proċedura ta' għażla, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill jiżgura li d-data personali tal-applikanti tiġi pproċessata konformement mar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni Ewropea u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data.

Il-bażi legali għall-proċedura ta' għażla hija r-Regolamenti tal-Persunal ta' Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u d-Deċizzjoni tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2011 dwar ir-regoli ta' sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (2011/292/UE). Il-proċedura ta' għażla titmexxa taħt ir-responsabbiltà tad-Direttorat tar-Riżorsi Umani (DGA A 1A), Unità tal-Persunal u Mobbiltà, u l-kontrollur huwa l-kap ta' dik l-unità. L-informazzjoni pprovduta mill-applikanti tkun aċċessibbli għall-membri tas-Servizz ta' Reklutaġġ u tal-Kumitat Konsultattiv ta' Għażla, u, jekk meħtieġ, għall-unità tal-konsulenti legali.

L-għan tal-operazzjoni ta' pproċessar huwa l-għbir ta' data li tidentifika lill-applikanti kollha għal pożizzjoni mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u s-sostenn tal-proċeduri ta' għażla.

Id-data inkwistjoni hija:

- data personali għall-identifikazzjoni tal-applikanti (kunjom, isem, data tat-twelid, sess, nazzjonalità)
- informazzjoni pprovduta mill-applikanti sabiex tiġi ffaċilitata l-organizzazzjoni Prattika tal-proċedura (indirizz postali, indirizz elettroniku, numru tat-telefon)
- informazzjoni pprovduta mill-applikanti biex ikun jista' jiġi vvalutat jekk huma jissodisfawx il-kondizzjonijiet ta' ammissjoni stabbiliti fl-avviż ta' pożizzjoni vakanti (ċittadinanza; lingwi; languages; kwalifiki tal-applikanti u s-sena meta nkisbu, tip ta' diploma/lawrja, isem tal-istituzzjoni minn fejn inkisbu; esperjenza professjonali)
- fejn applikabbli, informazzjoni dwar it-tip u t-tul ta' żmien tal-awtorizzazzjoni tas-sigurtà tal-applikanti.

L-ipproċessar jibda mid-data ta' meta tkun waslet l-applikazzjoni. L-applikazzjonijiet jiġu ffajljati u jinħażnu fl-arkivji għal sentejn.

L-applikanti kollha jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' aċċess u d-dritt li jirrettifikaw id-data personali. Talbiet issostanzjati għandhom jintbagħatu permezz tal-posta elettronika lis-Servizz ta' Reklutaġġ fl-indirizz service.recrutement@consilium.europa.eu.

L-applikanti jistgħu jirrikorru fi kwalunkwe ħin għall-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (edps@edps.europa.eu).



**COUNCIL OF THE
EUROPEAN UNION**
General Secretariat
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË.

Application Form

NOTICE OF VACANCY CONS/AD/097

1. **SURNAME:**
Forename(s):
2. **SEX:** ☐ male ☐ female
3. **ADDRESS** (Please inform us immediately of any change of address)
Street: No:
Post code: Town: Country:
E-mail:
Tel. home: Mobile: Work:
4. **DATE OF BIRTH:**
5. **NATIONALITY** (in the case of dual nationality, please indicate both)
Current:
6. **KNOWLEDGE OF LANGUAGES**
Main language:
Other languages:
7. **IT SKILLS:**
8. **SECURITY CLEARANCE:** ☐ YES ☐ NO
If YES to what level?

9. EDUCATION AND TRAINING

[illegible]

10. PROFESSIONAL EXPERIENCE (enclose numbered photocopies). If necessary continue on separate sheet(s).

I. (CURRENT POSITION)					
Name and address of employer	Occupation or position held	FROM (DD/MM/YY)	TO (DD/MM/YY)	Duration	Enclose numbered photocopies
		.../.../.....	.../.../.....	Years : Months : Days :	See enclosure No
	If managerial duties:	.../.../.....	.../.../.....	Years : Months : Days :	See enclosure No
II.					
		.../.../.....	.../.../.....	Years : Months : Days :	See enclosure No
	If managerial duties:	.../.../.....	.../.../.....	Years : Months : Days :	See enclosure No
III.					
		.../.../.....	.../.../.....	Years : Months : Days :	See enclosure No
	If managerial duties:	.../.../.....	.../.../.....	Years : Months : Days :	See enclosure No

Professional experience

TOTAL

Years	Months	Days

Professional experience in managerial positions

TOTAL

Years	Months	Days

11. Do you have a physical disability or are your specific circumstances such as to create problems in connection with the organisation of the tests?

If yes, please give details (to enable the Administration to make the necessary arrangements, if it can).

.....
.....

DECLARATION

1. I declare on my honour that the information provided in this application form and in the documents enclosed with it is true and complete.
2. I further declare on my honour that:
 - a) I am a national of one of the Member States and enjoy my full rights as a citizen;
 - b) I have fulfilled any obligations imposed on me by the laws concerning military service;
 - c) I meet the character requirements for the duties involved.
3. I am also aware that my application will be rejected if I fail to submit photocopies of all supporting documents required to prove that I meet the conditions of eligibility (see notice of vacancy).

Date:

Signature:

Enclosures: Number of documents



**CONSEIL DE L'UNION
EUROPÉENNE**
Secrétariat général
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
Belgique/BELGIË

Acte de candidature AVIS DE VACANCE CONS/AD/097

1. **NOM:**
Prénom(s):
2. **SEXE:** ☐ masculin ☐ féminin
3. **ADRESSE** (Veuillez nous informer immédiatement de tout changement d'adresse)
Rue: N°:
Code postal: Localité: Pays:
Adresse électronique:
Tél. (privé): Portable: Bureau:
4. **DATE DE NAISSANCE:**
5. **NATIONALITÉ(S)** (en cas de double nationalité, indiquez les deux)
Actuelle:
6. **CONNAISSANCES LINGUISTIQUES**
Langue principale:
Autres langues:
7. **CONNAISSANCES INFORMATIQUES:**
8. **HABILITATION DE SÉCURITÉ:** ☐ OUI ☐ NON
Si OUI, de quel niveau?

9. ÉDUCATION ET FORMATION

[illegible]

10. EXPÉRIENCE PROFESSIONNELLE (joindre photocopies numérotées). Si nécessaire, utilisez des feuilles supplémentaires.

I. (FONCTION ACTUELLE)					
Nom et adresse de l'employeur	Fonction ou poste occupé	DE (JJ/MM/AA)	À (JJ/MM/AA)	Durée	Joindre copies des justificatifs numérotés
		.../.../.....	.../.../.....	Années : Mois : Jours :	Voir annexe n°
	Si fonction d'encadrement:	.../.../.....	.../.../.....	Années : Mois : Jours :	Voir annexe n°
II.					
		.../.../.....	.../.../.....	Années : Mois : Jours :	Voir annexe n°
	Si fonction d'encadrement:	.../.../.....	.../.../.....	Années : Mois : Jours :	Voir annexe n°
III.					
		.../.../.....	.../.../.....	Années : Mois : Jours :	Voir annexe n°
	Si fonction d'encadrement:	.../.../.....	.../.../.....	Années : Mois : Jours :	Voir annexe n°

Expérience professionnelle

Expérience professionnelle dans des fonctions d'encadrement

TOTAL

TOTAL

Années	Mois	Jours
Années	Mois	Jours

11. Avez-vous un handicap physique ou vous trouvez-vous dans une situation particulière qui pourrait poser des difficultés lors du déroulement des épreuves?

Si oui, donnez des précisions afin de permettre à l'administration de prendre, si possible, les mesures nécessaires.

.....
.....

DÉCLARATION SUR L'HONNEUR

1. Je soussigné(e), déclare sur l'honneur que les indications portées dans le présent acte de candidature et ses annexes sont véridiques et complètes.
2. Je déclare également sur l'honneur:
 - a) être ressortissant(e) d'un des États membres et y jouir des droits civiques;
 - b) me trouver en position régulière au regard des lois de recrutement qui me sont applicables en matière militaire;
 - c) réunir les garanties de moralité requises pour l'exercice des fonctions envisagées.
3. Je suis conscient(e) qu'il est indispensable, pour la recevabilité de ma candidature, que je présente, avec mon acte de candidature, dans le délai imparti, toutes les pièces justificatives nécessaires à prouver que je remplis les conditions d'admission requises (voir l'avis de vacance).

Date:

Signature:

ANNEXES: Nombre de documents